MT 2021

25

Rapport Speċjali

# L-appoġġ tal-FSE għall-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul:

## Jeħtieġ li l-miżuri jkunu mmirati, imfassla u mmonitorjati aħjar

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Sommarju eżekuttiv** | **I - IX** |
| **Introduzzjoni** | **01 - 29** |
| **Qgħad fit-tul: problema persistenti fis-swieq tax-xogħol ta' xi Stati Membri** | **01 - 08** |
| **Inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-politiki dwar l-impjiegi** | **09 - 20** |
| Politiki dwar l-impjiegi: prerogattiva nazzjonali | **09** |
| L-"istrateġija "Ewropa 2020" tal-UE | **10 - 12** |
| Il-proċess tas-Semestru Ewropew | **13 - 15** |
| Approċċ individwalizzat huwa essenzjali biex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikunu effettivi | **16 - 20** |
| **Finanzjament tal-UE għall-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol tal-Istati Membri** | **21 - 27** |
| **L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-impjiegi** | **28 - 29** |
| **Il-kamp ta' applikazzjoni u l-approċċ tal-awditjar** | **30 - 34** |
| **Osservazzjonijiet** | **35 - 75** |
| **Il-FSE mhux dejjem kien immirat speċifikament lejn il-persuni qiegħda fit-tul** | **35 - 51** |
| L-appoġġ tal-FSE laħaq lill-persuni qiegħda fit-tul permezz ta' tipi differenti ta' intervent | **36 - 38** |
| Ħafna interventi tal-FSE ffukaw fuq il-qgħad b'mod ġenerali, iżda mhux speċifikament fuq il-persuni qiegħda fit-tul | **39 - 44** |
| Xi wħud mill-miżuri tal-FSE li eżaminajna kienu jinvolvu riskju ta' effetti ta' "skrematura" | **45 - 46** |
| Il-miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" ffinanzjati mill-FSE ma rriflettewx l-iskala tal-kwistjoni tal-LTU f'diversi Stati Membri | **47 - 51** |
| **Ir-rabta bejn l-appoġġ tal-FSE għal "aċċess għall-impjiegi" u approċċ individwalizzat mhux dejjem setgħet tiġi stabbilita** | **52 - 61** |
| Arranġamenti ġodda għall-perjodu 2021-2027 fl-ambitu tal-"FSE+" | **59 - 61** |

Is-sistema ta’ monitoraġġ tal-FSE waħedha ma tippermettix valutazzjoni sħiħa tal-kisbiet tal-miżuri fost il-persuni qiegħda fit-tul 62 - 75

Nuqqasijiet fil-qafas ta’ monitoraġġ tal-FSE tal-2014-2020 jillimitaw il-kapaċità tal-Kummissjoni li tikseb stampa sħiħa tar-riżultati 63 - 71

Ftit li xejn evalwazzjonijiet tal-appoġġ tal-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul 72 - 75

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 76 - 79

Annessi

Anness I – Għadd ta’ persuni qiegħda fit-tul, sehem tal-LTU u r-rata tal-LTU fl-UE, 2009-2020

Anness II – Rati ta’ tranżizzjoni għall-impjieg

Anness III – Allokazzjoni tal-FSE għall-prijorità ta’ investiment 8i, u rata ta’ implimentazzjoni

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

# Sommarju eżekuttiv

**I** Il-qgħad fit-tul jirreferi għal persuni li ilhom qiegħda għal mill-inqas 12-il xahar. In-nuqqas ta' impjieg formali għal perjodu daqshekk twil ta' żmien jista' jkollu konsegwenzi severi għall-individwi kkonċernati, bħal riskju ogħla ta' faqar, esklużjoni soċjali, u anke problemi ta' saħħa. Il-qgħad fit-tul għalhekk jaffettwa wkoll in-nisġa soċjali tagħna. Fl-istess ħin, minn perspettiva ekonomika, il-qgħad fit-tul għandu impatt negattiv fuq it-tkabbir u l-finanzi pubbliċi.

**II** Fl-UE, il-politiki tas-suq tax-xogħol huma prerogattiva nazzjonali: L-Istati Membri (xi drabi flimkien mar-reġjuni tagħhom) huma responsabbli biex jiddeċiedu dwar miżuri xierqa għat-tnaqqis tal-qgħad (fit-tul), u jimplimentawhom. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jaħdmu flimkien mal-UE biex jiżviluppaw strateġija kkoordinata dwar l-impjiegi, b'mod partikolari biex jippromwovu forza tax-xogħol ta' kompetenza, imħarrġa u adattabbli, u swieq tax-xogħol reattivi għat-tibdil ekonomiku. Fil-qafas tal-istrateġija, ir-rwol tal-UE jinvolvi l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-appoġġ – u, jekk ikun meħtieġ, l-ikkomplementar – tal-azzjonijiet tagħhom.

**III** Il-Kummissjoni ilha mill-2011 tirrieżamina l-politiki tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew. Abbażi tal-analiżi tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li jitolbu lill-Istati Membri kkonċernati jieħdu miżuri speċifiċi kontra l-qgħad fit-tul, inkluż approċċ individwalizzat. Fl-2016, dan l-approċċ ġie approvat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul.

**IV** Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa l-istrument finanzjarju ewlieni tal-UE għall-appoġġ tal-miżuri attivi tal-Istati Membri fis-suq tax-xogħol. Matul il-perjodu 2014-2020, erbgħa mill-11-il objettiv tematiku stabbiliti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għall-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej huma rilevanti għall-FSE, u tlieta minnhom indirizzaw mill-inqas parzjalment il-kwistjoni speċifika tal-qgħad fit-tul. B'mod partikolari, madwar EUR 11.4 biljun ġew allokati għall-prijorità ta' investiment "Aċċess għall-impjiegi għal persuni li qed ifittxu impjieg u persuni inattivi, inklużi persuni qiegħda fit-tul, u persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol, anke permezz ta' inizjattivi favur l-impjiegi lokali u appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol". Din hija l-unika prijorità ta' investiment li tirreferi speċifikament għall-persuni qiegħda fit-tul, flimkien ma' gruppi oħra ta' persuni żvantaġġati li qed ifittxu impjieg u persuni inattivi. Skont il-Kummissjoni, din il-prijorità tkopri madwar nofs l-infiq kollu tal-FSE fuq miżuri ta' qgħad fit-tul.

**V** L-awditjar tagħna vvaluta jekk il-finanzjament mill-FSE tal-2014-2020, permezz tal-prijorità tiegħu ta’ investiment “aċċess għall-impjiegi”, kienx effettiv fil-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul. B’mod partikolari, analizzajna sa liema punt l-infiq tal-FSE kien immirat lejn miżuri li jgħinu lil persuni li ilhom ifittxu impjieg biex isibu impjieg. Barra minn hekk, eżaminajna jekk l-Istati Membri applikawx approċċ individwalizzat meta implimentaw miżuri ta’ “aċċess għall-impjiegi” biex jiffaċilitaw id-dħul (jew id-dħul mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda fit-tul. Fl-aħħar nett, ivverifikajna jekk il-Kummissjoni kinitx ħadet l-azzjoni meħtieġa biex tikseb *data* rilevanti u suffiċjenti biex tiddetermina l-impatt tal-finanzjament mill-FSE fuq il-qgħad fit-tul.

**VI** Aħna sibna li l-miżuri tal-FSE ta’ “aċċess għall-impjiegi” ffinanzjaw interventi differenti matul il-perjodu 2014-2020 li kienu ta’ benefiċċju għal bosta persuni li kienu ilhom ifittxu impjieg. Dawn il-miżuri tal-FSE kienu mmirati l-aktar lejn il-persuni qiegħda fit-tul bħala sottogrupp, jew tal-persuni qiegħda kollha u/jew tal-gruppi “żvantaġġati” kollha. Dan kien konformi mal-kamp ta’ applikazzjoni tal-finanzjament għal din il-prijorità ta’ investiment, li tirreferi għall-persuni qiegħda fit-tul iżda tinkludi l-persuni kollha li qed ifittxu impjieg u l-persuni inattivi. Dan l-approċċ kien applikabbli wkoll għal prijoritajiet ta’ investiment rilevanti oħra tal-FSE. Abbażi tad-*data* disponibbli għall-prijorità ta’ “aċċess għall-impjiegi”, innutajna wkoll li l-proporzjon ta’ persuni qiegħda fit-tul appoġġat mill-miżuri tal-FSE ta’ “aċċess għall-impjiegi” mhux neċessarjament jirrifletti l-iskala tal-problema f’xi Stati Membri.

**VII** L-analiżi tagħna wriet ukoll li l-kunċett ta’ approċċ individwalizzat ma ġiex dejjem adottat mill-miżuri tal-FSE implimentati għall-perjodu 2014-2020. Din kienet tkun opportunità biex tissaħħaħ l-effettività tal-miżuri tal-FSE għal dawk li qed ifittxu impjieg fit-tul peress li dawn mhux dejjem setgħu indirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

**VIII** L-awditjar tagħna enfasizza wkoll dgħufija oħra frekwenti fil-qafas tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FSE: in-nuqqas ta’ kategorija speċifika ta’ nfiq għal gruppi fil-mira differenti (bħall-persuni qiegħda fit-tul) jagħmilha diffiċli mhux biss biex jiġi identifikat kemm ġie allokat finanzjament tal-UE għal tali miżuri, iżda wkoll biex jiġu evalwati r-riżultati u l-impatt fuq il-grupp fil-mira.

**IX** Għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2021-2027, nirrakkomandaw li l-Kummissjoni għandha:

- tinsisti li l-Istati Membri jimmiraw speċifikament il-persuni qiegħda fit-tul u l-ħtiġijiet tagħhom permezz tal-FSE+ fejn l-LTU nazzjonali jew reġjonali jkunu għoljin;

- tinsisti li l-Istati Membri japplikaw approċċ individwalizzat għall-persuni kollha qiegħda fit-tul meta jimplimentaw miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" fl-ambitu tal-FSE+; u
- tevalwa l-effettività tal-miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" għall-persuni qiegħda fit-tul.

# Introduzzjoni

## Qgħad fit-tul: problema persistenti fis-swieq tax-xogħol ta’ xi Stati Membri

**01** Fl-UE, il-qgħad fit-tul (LTU) ġie identifikat bħala problema partikolari għal bosta snin. Il-persuni li jibqgħu barra mill-impjieg għal perjodi itwal iħabbtu wiċċhom ma’ aktar problemi biex isibu xogħol minħabba li jitilfu l-motivazzjoni, il-kunfidenza u l-ħiliet[1]. Barra minn hekk, min iħaddem jista’ jsibha aktar bi tqila li jimpjega lil xi ħadd li ma jkunx ħadem għal żmien twil[2]. Perjodi twal ta’ qgħad jinvolvu riskju ogħla ta’ faqar, esklużjoni soċjali u anke problemi tas-saħħa[3]. B’hekk, l-LTU jaffettwa wkoll in-nisġa soċjali tagħna. Fl-istess ħin, minn perspettiva ekonomika, il-qgħad fit-tul għandu impatt negattiv fuq it-tkabbir u l-finanzi pubbliċi[4].

**02** ***Kaxxa 1*** tiddefinixxi t-terminu “qgħad fit-tul”. Id-definizzjoni ssegwi l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u l-Eurostat jużaha għall-ġbir ta’ *data* dwar l-LTU fl-UE.

1 Il-Kummissjoni Ewropea, “The feasibility of developing a methodology for measuring the distance travelled and soft outcomes for long-term unemployed people participating in Active Labour Market Programmes”, Rapport finali, 2019.

2 Bertelsmann Stiftung, “Long-term Unemployment in the EU: Trends and Policies”, 2016.

3 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta’ Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (2016/C 67/01).

4 Il-Kummissjoni Ewropea, “The feasibility of developing a methodology for measuring the distance travelled and soft outcomes for long-term unemployed people participating in Active Labour Market Programmes”, Rapport finali, 2019.

## Kaxxa 1

### Definizzjoni ta' qgħad fit-tul

L-LTU jirreferi għall-għadd ta' persuni mingħajr xogħol u li ilhom ifittxu x-xogħol b'mod attiv għal tal-inqas 12-il xahar.

Persuna qiegħda hija definita bħala persuna li għandha bejn 15 u 74 sena li kienet mingħajr xogħol matul il-ġimgħa ta' referenza, kienet disponibbli għax-xogħol f'dak il-perjodu u kienet jew qed tfittex xogħol b'mod attiv fl-erba' ġimgħat preċedenti jew kienet diġà sabet impjieg li se jibda fit-tliet xhur li ġejjin. Il-perjodu tal-qgħad huwa definit bħala t-tul ta' żmien ta' tiftix ta' impjieg, jew it-tul ta' żmien mill-aħħar impjieg (jekk iqsar miż-żmien imqatta' biex jitfittex impjieg). Din id-definizzjoni ssegwi l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol[5].

L-Eurostat jiġbor *data* dwar l-LTU f'numri assoluti, bħala sehem tal-popolazzjoni attiva, u bħala sehem tal-qgħad totali.

**03** Fl-UE, l-LTU ġie aggravat mill-kriżi finanzjarja u ekonomika li seħħet fi tmiem l-ewwel għaxar snin tas-seklu 21: fl-2014, madwar 11 % tal-persuni kollha attivi fis-suq tax-xogħol kienu qiegħda, meta mqabbla ma' madwar 9 % fl-2009. Fl-istess ħin, madwar 50 % tal-persuni qiegħda kollha kienu mingħajr impjieg għal aktar minn sena fl-2014, meta mqabbla ma' madwar 34 % fl-2009. Dan l-aħħar, is-sitwazzjoni b'mod ġenerali reġgħet lura għal-livell ta' qabel il-kriżi. Skont l-aħħar *data* annwali disponibbli (2020), 15-il miljun persuna li kienu qed ifittxu impjieg madwar l-EU-27, li 35 % minnhom (5.3 miljun persuna) kienu ilhom qiegħda (ara ***Figura 1***, ***Figura 2*** u ***Anness I*** għas-sitwazzjoni f'kull Stat Membru). Madankollu, il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 iżidu r-riskju li din ix-xejra 'l isfel titreġġa' lura fis-snin li ġejjin.

[5] Glossarju ta' termini tal-Eurostat.

### Figura 1 – Il-qgħad fit-tul tal-EU-27 bħala sehem tal-popolazzjoni attiva u tal-qgħad totali (2009-2020)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat (tabella bit-tikketta "une_ltu_a", estratta f'Lulju 2021).

### Figura 2 – L-għadd ta' persuni qiegħda u dawk qiegħda fit-tul tal-EU-27 (2009-2020)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat (tabella bit-tikketta "une_rt_a", estratta f'Lulju 2021).

**04** Għalkemm l-irkupru ekonomiku wara l-kriżi finanzjarja ra żieda fl-għadd tal-LTU fil-livell tal-UE bħala medja, il-progress kien irregolari, bl-Istati Membri jibqa' jkollhom disparitajiet sinifikanti fl-LTU bejniethom. Id-*data* tal-Eurostat għall-2020, disponibbli meta sar l-awditu, turi li seba' Stati Membri[6] kellhom rata tal-LTU tal-EU-27 ogħla mill-

[6] Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Greċja, Franza, l-Italja, is-Slovenja u s-Slovakkja.

medja bħala sehem tal-qgħad totali (35.4 %), meta mqabbla ma' 10[7] fl-2014. Minn dawn is-seba', il-Greċja u l-Italja laħqu 66.5 % u 51.5 %, rispettivament. Tliet Stati Membri oħra (il-Belġju, il-Bulgarija u s-Slovakkja) kellhom rata tal-LTU bħala sehem tal-qgħad totali ogħla minn 40 %, u s-Slovenja u Franza kellhom rata ogħla minn 35 % (ara l-***Anness I***). Ir-rata tal-LTU f'dawn l-Istati Membri hija medja ta' 13.1-il punt perċentwali ogħla mir-rata tal-EU-27 (meta mqabbla ma' 9.2 punti perċentwali fl-2014).

**05** Fil-livell reġjonali, id-disparitajiet fir-rata tal-LTU huma saħansitra akbar. Dan huwa muri bl-espressjoni tar-rata tal-LTU bħala perċentwal tal-popolazzjoni attiva: fl-2019, madwar terz tar-reġjuni tal-EU-27 (bl-użu tal-klassifikazzjoni NUTS 2 tal-Eurostat) kellhom rata tal-LTU li kienet ogħla mill-medja tal-EU-27 (2.8 %). Ir-rata tal-LTU varjat minn 0.3 % sa 18.4 % (ara l-***Istampa 1*** u l-***Istampa 2***).

## Stampa 1 – Ir-rata tal-qgħad fit-tul meta mqabbla mal-medja tal-UE fl-2013




*Nota*: Iż-żona griża skura huma reġjuni fejn il-Eurofound/Eurostat ma kisbitx *data* reġjonali suffiċjenti jew affidabbli ta' NUTS2. Dan japplika b'mod partikolari għar-reġjuni f'żewġ Stati Membri: l-Awstrija u l-Irlanda. L-applikazzjoni tad-*data* għal dawn l-Istati Membri kollha (ara ***Annex I***), tagħti lill-Awstrija kulur aħdar skur u lill-Irlanda kulur oranġjo.
*Sors:* Eurofound, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat.

[7] Il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja.

## Stampa 2 – Ir-rata tal-qgħad fit-tul meta mqabbla mal-medja tal-UE fl-2019




*Nota*: Iż-żona griża skura huma reġjuni fejn il-Eurofound/Eurostat ma kisbitx *data* reġjonali suffiċjenti jew affidabbli ta' NUTS2. Dan japplika b'mod partikolari għar-reġjuni f'żewġ Stati Membri: l-Awstrija u l-Irlanda. L-applikazzjoni tad-*data* għal dawn l-Istati Membri b'mod ġenerali (ara ***Annex I***) tagħti lill-Awstrija kulur aħdar ċar u lill-Irlanda kulur beige.
*Sors:* Eurofound, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat.

**06** Minbarra l-monitoraġġ tad-*data* tal-LTU, il-Kummissjoni timmonitorja bidliet fil-proporzjon ta' ħaddiema potenzjali fl-UE li huma "disponibbli għax-xogħol iżda mhumiex ifittxu", inklużi dawk fil-kategorija "li jemmnu li ma hemm l-ebda impjieg disponibbli" (l-hekk imsejħa "persuni li qed ifittxu impjieg skoraġġuti")[8]. Peress li dawn il-ħaddiema potenzjali mhumiex qed ifittxu impjieg b'mod attiv, dawn ma jingħaddux bħala qiegħda u/jew qiegħda fit-tul, iżda bħala inattivi.

**07** Skont id-*data* tal-Eurostat, il-kriżi finanzjarja tal-2008 irriżultat f'aktar nies li telqu mis-suq tax-xogħol u spiċċaw inattivi, u dan laħaq l-ogħla livell bejn l-2013 u l-2014 b'madwar disa' miljun persuna "disponibbli għax-xogħol iżda mhumiex ifittxu", inklużi aktar minn ħames miljuni fis-sottokategorija "li jemmnu li ma hemm l-ebda impjieg disponibbli". Sussegwentement, l-għadd ta' persuni potenzjalment "skoraġġuti" li qed

[8] Il-Kummissjoni Ewropea, "Employment and Social Developments in Europe", Settembru 2019.

ifittxu impjieg naqas sal-2020, meta reġa' żdied għal 3.5 miljun persuna, flimkien mal-kategorija ġenerali ta' persuni "disponibbli għax-xogħol iżda mhumiex ifittxu" (ara l-*Figura 3*).

**08** Madankollu, din id-*data* ma turix kemm-il persuna li qabel kienu jgħoddu bħala persuni qiegħda fit-tul waqfu jfittxu impjieg minħabba li kienu saru "skoraġġuti". L-istatistika tgħoddhom mhux bħala persuni qiegħda fit-tul iżda bħala inattivi, bir-riżultat ikun tnaqqis awtomatiku fl-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul. Hemm riskju li dan jista' jiġġenera impressjoni falza ta' bidla pożittiva fis-sitwazzjoni tal-impjiegi f'żona ġeografika partikolari.

### Figura 3 – EU-27 "skoraġġuti" (2009-2020)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat (tabella bit-tikketta "lfsi_sup_a u lfsa_igar", estratta f'Lulju 2021).

## Inizjattivi tal-UE fil-qasam tal-politiki dwar l-impjiegi

### Politiki dwar l-impjiegi: prerogattiva nazzjonali

**09** Fl-UE, il-politiki tas-suq tax-xogħol huma prerogattiva nazzjonali: L-Istati Membri (xi drabi flimkien mar-reġjuni tagħhom) huma responsabbli biex jiddeċiedu l-miżuri xierqa għat-tnaqqis tal-qgħad (fit-tul), u jimplimentawhom. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jaħdmu flimkien mal-UE biex jiżviluppaw strateġija kkoordinata għall-impjiegi, b'mod partikolari biex jippromwovu forza tax-xogħol ta' kompetenza, imħarrġa u adattabbli, u swieq tax-xogħol reattivi għat-tibdil ekonomiku. Fl-ambitu tal-qafas strateġiku u ta' koordinazzjoni tagħha, l-UE mhux biss tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-

Istati Membri iżda tappoġġa wkoll – u, jekk meħtieġ, tikkomplementa – l-azzjonijiet tagħhom[9].

## L-"istrateġija "Ewropa 2020" tal-UE

**10** Fl-2010, il-Kummissjoni pproponiet l-istrateġija "Ewropa 2020" għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv[10], bl-għan li jkun hemm koordinazzjoni akbar tal-politiki nazzjonali u tal-UE. Waħda mill-5 miri ewlenin tagħha tikkonċerna l-impjiegi, b'mod partikolari ż-żieda fir-rata tal-impjiegi tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena minn 69 % għal mill-inqas 75 % sal-2020. Il-Kunsill Ewropew adotta din l-istrateġija f'Marzu 2010.

**11** Bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020, il-Kummissjoni adottat l-inizjattiva "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda"[11]. Din tipproponi 13-il azzjoni li għandhom l-għan li jgħinu s-suq tax-xogħol tal-Ewropa jiffunzjona aħjar permezz ta' żieda fil-flessibbiltà u s-sigurtà tal-impjiegi, inċentivi għall-investiment fit-taħriġ, kondizzjonijiet deċenti tax-xogħol, u ħolqien aktar faċli ta' impjiegi.

**12** Parti kostitwenti oħra tal-istrateġija Ewropa 2020 hija l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi (EES), li ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-1992. Din hija l-pedament tal-politika dwar l-impjiegi tal-UE, bl-objettiv li jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar madwar l-UE kollha. L-istrateġija hija implimentata permezz tas-Semestru Ewropew. Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) tal-Kunsill, li huwa l-kumitat konsultattiv prinċipali għall-Ministri tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fil-Kunsill għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EPSCO) fil-qasam tal-impjiegi, jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija.

## Il-proċess tas-Semestru Ewropew

**13** L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi hija parti intrinsika mill-proċess tas-Semestru Ewropew, ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika makroekonomika, baġitarja u strutturali bejn l-Istati Membri. Bħala parti mis-Semestru

---

[9] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 149.

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, "Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", COM(2010) 2020 final.

[11] Il-Kummissjoni Ewropea, "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi", COM(2010) 682 final.

Ewropew, l-Istati Membri jippreżentaw il-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom, li mbagħad il-Kummissjoni tanalizza għall-konsistenza mal-istrateġija "Ewropa 2020".

**14** Il-Kummissjoni u l-Kunsill jimmonitorjaw is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi fl-Istati Membri f'aktar dettall permezz tar-rapport konġunt tagħhom dwar l-impjiegi, li huwa propost mill-Kummissjoni u, wara konsultazzjonijiet u aġġustamenti, adottat mill-Kunsill. Din il-valutazzjoni hija riflessa wkoll fir-rapporti tal-pajjiżi tal-Kummissjoni, li janalizzaw il-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri, u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tagħha. Mill-introduzzjoni tiegħu fl-2010, il-pakkett tas-Semestru Ewropew inkluda wkoll linji gwida dwar l-impjiegi, fejn il-Kummissjoni tipproponi prijoritajiet u miri komuni għall-politiki dwar l-impjiegi li jridu jiġu miftiehma mill-gvernijiet nazzjonali u adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

**15** L-UE rrikonoxxiet l-importanza tal-qgħad fit-tul fil-livell tal-politika, u ħarġet diversi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi relatati bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew. Bejn l-2011 u l-2020, l-UE ħarġet rakkomandazzjonijiet bħal dawn lil 15-il Stat Membru, bir-rakkomandazzjonijiet għal 11 minnhom jinħarġu fil-perjodu qabel ma ġew adottati l-programmi operattivi (PO) tal-2014-2020. Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-PO (2015-2020), erbgħa minn dawn l-Istati Membri rċevew rakkomandazzjoni oħra, u erbgħa oħra rċevew waħda għall-ewwel darba wara l-2014.

## Approċċ individwalizzat huwa essenzjali biex il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikunu effettivi

**16** Il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs) huma definiti mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bħala n-nefqa soċjali kollha (minbarra l-edukazzjoni) li għandha l-għan li ttejjeb il-prospetti tal-benefiċjarji li jsibu impjieg bi qligħ jew inkella li jżidu l-introjtu mill-investiment tagħhom[12]. Skont il-Kummissjoni, l-ALMPs jinkludu erba' kategoriji ewlenin: taħriġ, għajnuna għat-tiftix ta' impjiegi inklużi gwida u konsulenza, inċentivi ta' reklutaġġ għall-impjieg fis-settur privat, u programmi ta' impjiegi diretti fis-settur pubbliku[13].

---

[12] Glossarju ta' termini tal-OECD.

[13] Il-Kummissjoni Ewropea, "The feasibility of developing a methodology for measuring the distance travelled and soft outcomes for long-term unemployed people participating in Active Labour Market Programmes", Rapport finali, 2019.

**17** L-ALMPs effettivi huma strumentali biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuni qiegħda (fit-tul) u biex jgħinuhom jidħlu (jew jerġgħu jidħlu) fis-suq tax-xogħol. Skont il-Kummissjoni, tipi differenti ta' ALMPs ma jirnexxux bl-istess mod għall-persuni qiegħda kollha: dawn ikunu effettivi biss jekk jimmiraw il-grupp xieraq tal-popolazzjoni, ikunu jikkonsistu f'miżuri mfassla apposta bbażati fuq approċċ individwalizzat, u jiġu mmonitorjati u evalwati f'termini ta' riżultati bil-ħsieb li jiġu adattati l-miżuri futuri[14].

**18** Approċċ individwalizzat iqis il-problemi speċifiċi tal-persuni qiegħda, u jiżgura li s-servizzi jkunu mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Huwa partikolarment importanti għall-persuni qiegħda fit-tul, li jsibuha aktar diffiċli biex jidħlu (jew jerġgħu jidħlu) fis-suq tax-xogħol. Bħala medja, l-Eurostat jistma li l-probabbiltà ta' bidla fl-impjiegi fl-2020 hija ta' 11 % għall-persuni qiegħda fit-tul u ta' 25 % għall-persuni qiegħda għal żmien qasir. L-akbar differenzi bejn il-persuni qiegħda fit-tul u l-persuni qiegħda għal żmien qasir ġew innutati fil-Belġju u fl-Ungerija (aktar minn 22 punt perċentwali), filwaqt li l-iżgħar kienu fid-Danimarka, fil-Kroazja u fl-Iżvezja, fejn iċ-ċifra kienet inqas minn 10 %[15] (ara l-***Anness II***). Barra minn hekk, għalkemm ir-rata medja ta' tranżizzjoni lejn l-impjiegi għall-persuni qiegħda għal żmien qasir tjiebet matul il-perjodu 2013-2020 (minn 21 % għal 25 %), din baqgħet stabbli għall-persuni qiegħda fit-tul bi 11 %.

**19** L-UE saħqet l-importanza ta' approċċ individwalizzat f'diversi dokumenti ta' politika:

- il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fejn approċċ personalizzat huwa wieħed mid-drittijiet tal-persuni qiegħda, flimkien ma' valutazzjoni individwalizzata fil-fond fi żmien 18-il xahar minn meta jispiċċaw qiegħda[16];
- il-Linji Gwida tal-Kunsill dwar l-Impjiegi tal-2010, l-2015 u l-2018, li kienu favur it-titjib tas-servizzi tal-impjieg b'servizzi personalizzati disponibbli għal kulħadd, inklużi dawk li jinsabu l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u rrakkomandaw appoġġ attiv individwalizzat għal ritorn fis-suq tax-xogħol[17];

---

[14] Il-Kummissjoni Ewropea, "European Semester Thematic Factsheet – Active Labour Market Policies", Novembru 2017.

[15] Abbażi tad-*data* għal 26 Stat Membru, li ma jinkludux ir-Renju Unit u Malta.

[16] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, "Prinċipju 4: Appoġġ attiv għall-impjiegi".

[17] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, 2010/707/UE, l-Anness, il-Linja Gwida 7: Iż-żieda fil-

- il-biċċa l-kbira tad-dokumenti tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tal-pajjiżi semmew il-ħtieġa li jiġi applikat approċċ personalizzat u miżuri mfassla apposta.

**20** Fl-2016, il-Kunsill adotta "Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol"[18]. Ir-Rakkomandazzjoni tqiegħed enfasi partikolari fuq approċċ individwalizzat (ara l-***Kaxxa 2***). Għalkemm rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-2019[19] irrikonoxxa li hemm approċċ aktar olistiku biex jiġi pprovdut appoġġ individwali, il-punt sa fejn jintuża approċċ individwalizzat ivarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Id-*data* turi li, b'mod ġenerali, 78.4 % tal-persuni qiegħda fit-tul kienu koperti minn ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg fl-2019. Madankollu, ir-rata ta' kopertura fl-2019 bejn l-Istati Membri varjat minn 100 % għal 11.2 %.

---

parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, it-tnaqqis tal-qgħad strutturali u l-promozzjoni tal-kwalità tax-xogħol Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1848 tal-5 ta' Ottubru 2015 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri għall-2015, l-Anness, il-Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista tax-xogħol, il-ħiliet u l-kompetenzi. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1215 tas-16 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

[18] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (2016/C 67/01).

[19] Il-Kummissjoni Ewropea, "Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol", COM (2019) 169 final.

## Kaxxa 2

### L-approċċ individwalizzat stabbilit mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

**Valutazzjoni u approċċ individwali**

Is-servizzi tal-impjieg, flimkien ma' sħab oħra li jappoġġaw l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol, jipprovdu gwida personalizzata lil dawk ikkonċernati.

Is-servizzi tal-impjieg jiżguraw li l-persuni rreġistrati qiegħda fit-tul jiġu offruti valutazzjonijiet individwali u gwida dettaljata fi żmien 18-il xahar minn meta jispiċċaw qiegħda. Il-valutazzjoni għandha tkopri l-prospetti tagħhom ta' impjegabbiltà, l-ostakoli għall-impjieg, u l-isforzi preċedenti ta' tfittix ta' impjieg.

Is-servizzi tal-impjieg jinfurmaw lill-persuni rreġistrati qiegħda fit-tul dwar l-offerti ta' impjieg u dwar l-appoġġ disponibbli f'setturi differenti tal-ekonomija u, fejn xieraq, f'reġjuni differenti u fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari permezz tan-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES).

**Ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjieg**

Il-persuni rreġistrati qiegħda fit-tul li mhumiex koperti mill-Garanzija għaż-Żgħażagħ huma offruti ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg fi żmien 18-il xahar minn meta jispiċċaw qiegħda. Tal-inqas, dan għandu jinkludi offerta ta' servizz individwali li tkun immirata biex jinstab impjieg, u għandu jidentifika punt uniku ta' kuntatt.

## Finanzjament tal-UE għall-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol tal-Istati Membri

**21** Matul il-perjodu 2014-2020, is-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 kienu l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) u, speċifikament fejn kienu kkonċernati l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri, il-Fond Soċjali Ewropew[20] (FSE).

---

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006.

22 Erbgħa mill-11-il objettiv tematiku (OT) stabbiliti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[21] (RDK) għall-fondi SIE 2014-2020 huma rilevanti għall-FSE, biex jiġi indirizzat l-LTU:

- "Il-promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u l-appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol" (OT 8);
- "Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u d-kwalunkwe diskriminazzjoni" (OT 9); u
- "Investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u fit-taħriġ vokazzjonali għal ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja" (OT 10).

23 Kull OT għandu għadd ta' prijoritajiet ta' investiment. Ħamsa minn dawn il-prijoritajiet huma rilevanti jew biex il-persuni qiegħda fit-tul jingħataw appoġġ bħala individwi (8i, 8ii, 9i u 10iii), jew biex jiġu indirizzati bidliet fl-istrutturi tas-servizz pubbliku tal-impjieg u t-twassil tas-servizzi (8vii). Minn dawn il-ħamsa, il-prijorità ta' investiment 8i biss ("Aċċess għall-impjiegi għall-persuni li qed ifittxu impjieg u persuni inattivi, inklużi l-persuni qiegħda fit-tul, u l-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol, anke permezz ta' inizjattivi favur l-impjiegi lokali u appoġġ għall-mobilità tal-forza tax-xogħol" – imsemmija hawn taħt bħala "aċċess għall-impjiegi") tirreferi speċifikament għall-persuni qiegħda fit-tul[22].

24 Għall-perjodu 2014-2020, total ta' EUR 27.7 biljun, jew 26 % tal-baġit tal-FSE, ġew allokati għal miżuri ta' "Promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli u ta' kwalità u l-appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol" (OT 8). Madwar EUR 11.4-il biljun ġew allokati għal miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" (prijorità ta' investiment 8i). Kull wieħed minn erba' Stati

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

[22] Il-prijorità ta' investiment 9i ("Inklużjoni attiva, inkluż bil-ħsieb li jiġu promossi opportunitajiet indaqs u parteċipazzjoni attiva, u titjib tal-impjegabbiltà") tappoġġa wkoll lill-persuni qiegħda fit-tul, iżda ġeneralment tipprovdi tip differenti ta' assistenza b'enfasi usa' fuq l-inklużjoni soċjali.

Membri alloka aktar minn EUR 1 biljun għall-prijorità ta' investiment 8i: Spanja, l-Italja, il-Polonja u s-Slovakkja (ara l-***Anness III***).

**25** Il-biċċa l-kbira tal-PO tal-FSE jindirizzaw l-OT u l-prijoritajiet ta' investiment l-aktar rilevanti għal-LTU. B'mod partikolari, 145 mill-187 PO (81 %) jallokaw fondi għall-OT 8, u 106 PO għall-prijorità ta' investiment 8i. Barra minn hekk, l-Istati Membri kollha minbarra wieħed stabbilew PO li allokaw fondi għall-prijorità ta' investiment 8i.

**26** Il-finanzjament mill-FSE jista' jintuża biex jappoġġa tipi differenti ta' miżuri u interventi li jistgħu jgħinu lill-persuni qiegħda fit-tul jsibu impjieg (ara l-***Kaxxa 3***).

### Kaxxa 3

### Eżempji ta' interventi appoġġati mill-FSE li jindirizzaw l-LTU fl-ambitu tal-OT 8

Interventi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol, permezz ta' apprendistati, internships u traineeships.

Miżuri ta' edukazzjoni u taħriġ li jiffokaw fuq taħriġ (jew taħriġ mill-ġdid) speċifiku fil-ħiliet okkupazzjonali u taħriġ fil-ħiliet bażiċi. Dawn jistgħu jiġu kkombinati ma' tipi oħra ta' interventi tal-FSE.

Gwida u appoġġ għall-individwi flimkien ma' tipi oħra ta' interventi tal-FSE, l-aktar miżuri ta' edukazzjoni u taħriġ. Dan it-tip ta' intervent jivvaluta l-ħtiġijiet tal-persuni qiegħda, u mbagħad joffri miżuri ta' taħriġ immirati.

Inċentivi finanzjarji għal min iħaddem li jgħinu biex inaqqsu l-kostijiet lavorattivi, jew biex jipprovdu sussidji tal-pagi u tar-reklutaġġ direttament, u b'hekk iħeġġuhom jimpjegaw lil dawk li jinsabu l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol.

**27** Il-miżuri u l-interventi tal-FSE relatati mal-LTU huma implimentati minn korpi pubbliċi (servizzi tal-impjiegi nazzjonali, reġjonali jew lokali), organizzazzjonijiet mhux governattivi u kumpaniji privati li jinħatru minn awtoritajiet maniġerjali nazzjonali jew reġjonali (jew korpi intermedji), jew li jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal proposti.

## L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-impjiegi

**28** Il-lockdowns imposti mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 minn Marzu 2020 'il quddiem kellhom impatt sinifikanti fuq l-attività ekonomika u l-impjiegi fl-Istati Membri kollha u fil-biċċa l-kbira tas-setturi ekonomiċi, għalkemm fi

gradi differenti. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni pproponiet miżuri immedjati biex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija fir-rebbiegħa tal-2020. L-istrument SURE[23], li jappoġġa l-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili għaż-żamma tal-impjiegi fl-UE kollha, ġie adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Mejju 2020. S'issa, din l-iskema għenet biex titrażżan iż-żieda fil-qgħad minkejja tnaqqis drammatiku fl-attività ekonomika[24]. Madankollu, ladarba l-iskema ma tibqax tapplika f'Diċembru 2022, hemm riskju li r-rati tal-qgħad jistgħu jiżdiedu u, il-persuni qiegħda fit-tul jistgħu jiġu affettwati[25].

**29** Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-fondi SIE għandhom jintużaw b'mod aktar flessibbli. F'April 2020, daħlu fis-seħħ l-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+) adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dawn jipprevedu l-possibbiltà temporanja ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-UE, u introduċew flessibbiltà addizzjonali għat-trasferiment tal-baġits bejn il-fondi u l-programmi differenti. B'riżultat ta' dan, aktar minn nofs l-Istati Membri kollha ddeċidew li jemendaw il-PO tagħhom biex jintroduċu l-possibbiltà ta' kofinanzjament ta' 100 % tal-miżuri tal-FSE u/jew li jittrasferixxu fondi addizzjonali minn fondi SIE oħrajn għal PO tal-FSE.

[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

[24] Rapport Analitiku tal-QEA 06/2020, "Riskji, sfidi u opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19". OECD "Job retention schemes during the COVID-19 lockdown and beyond", aġġornat fit-12 ta' Ottubru 2020.

[25] OECD, "Employment Outlook 2020". Il-Kummissjoni Ewropea, "European Economic Forecast, Spring 2021", Dokument istituzzjonali 149, Mejju 2021.

# Il-kamp ta' applikazzjoni u l-approċċ tal-awditjar

**30** L-awditjar tagħna vvaluta jekk il-finanzjament mill-FSE tal-2014-2020, permezz tal-prijorità tiegħu ta' investiment għal "aċċess għall-impjiegi", indirizzax il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-dħul (jew id-dħul mill-ġdid) tagħhom fis-suq tax-xogħol. Biex nagħmlu dan, ħarisna lejn tliet aspetti partikolari:

- aħna analizzajna l-punt sa fejn l-infiq tal-FSE kien immirat lejn miżuri li jgħinu lill-persuni qiegħda fit-tul jidħlu (jew jerġgħu jidħlu) fis-suq tax-xogħol;
- aħna eżaminajna jekk l-Istati Membri applikawx approċċ individwalizzat meta implimentaw miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi"; u
- aħna vverifikajna jekk il-Kummissjoni kinitx ħadet l-azzjoni meħtieġa biex tikseb *data* rilevanti u suffiċjenti biex tiddetermina l-impatt tal-finanzjament mill-FSE fuq il-qgħad fit-tul.

**31** L-analiżi tagħna tiffoka fuq ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni meta l-PO tal-FSE tal-2014-2020 kienu qed jitħejjew u sussegwentement ġew implimentati. Aħna analizzajna d-dokumentazzjoni rilevanti, u intervistajna rappreżentanti tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL) u tal-Eurostat, bħala l-fornitur tad-*data*.

**32** L-analiżi tagħna tkopri l-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, eżaminajna erba' Stati Membri (l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja u s-Slovakkja) aktar fil-fond, peress li dawn jew ħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet partikolari b'qgħad fit-tul fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, jew kienu allokaw sehem sinifikanti tal-finanzjament mill-FSE tagħhom għall-prijorità ta' investiment 8i.

**33** Aħna analizzajna erba' PO tal-FSE (wieħed għal kull wieħed mill-Istati Membri li għażilna)[26], u vvalutajna jekk il-loġika ta' intervent stabbilita għall-appoġġ relatat mal-LTU għenitx biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-LTU. Abbażi tal-materjalità u l-livell ta'

[26] L-Irlanda (Programm għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim 2014-2020), l-Italja (Programm Operazzjonali Nazzjonali dwar is-Sistemi għal Politiki Attivi dwar l-Impjiegi), il-Polonja (Programm Operazzjonali Reġjonali tal-Voivodship ta' Silesia tal-2014-2020) u s-Slovakkja (Programm Operazzjonali dwar ir-Riżorsi Umani tal-2014-2020).

implimentazzjoni, irrieżaminajna wkoll bejn azzjoni waħda u tlieta ta' "aċċess għall-impjiegi" għal kull PO sabiex jiġi vverifikat jekk dawn kinux ġew implimentati b'tali mod li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul billi jiġi applikat approċċ individwalizzat. Għal kull wieħed mill-PO magħżula, irrieżaminajna wkoll il-każijiet individwali ta' bejn 18 u 24 individwu magħżula b'mod każwali li kienu ilhom mingħajr impjieg għal aktar minn 12-il xahar, iżda li kienu pparteċipaw f'miżura ffinanzjata mill-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul. B'kollox, irrieżaminajna 78 każ individwali bħal dan. Barra minn hekk, intervistajna rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti (jiġifieri l-ministeri responsabbli għall-politika dwar l-impjiegi, kif ukoll l-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi ta' implimentazzjoni).

**34** Aħna wettaqna x-xogħol tal-awditjar tagħna bejn Settembru 2020 u Lulju 2021. Restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u tas-saħħa relatati mal-COVID-19 fissru li aħna ma stajniex inwettqu żjarat fuq il-post. Il-laqgħat kollha mal-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) saru permezz ta' vidjokonferenza.

# Osservazzjonijiet

## Il-FSE mhux dejjem kien immirat speċifikament lejn il-persuni qiegħda fit-tul

**35** Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni appoġġatx lill-Istati Membri fl-istadju ta' programmazzjoni b'tali mod li l-kwistjoni tal-LTU kienet riflessa fit-tfassil tal-PO tal-FSE, u jekk il-miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" kinux immirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul, fejn xieraq. Aħna analizzajna wkoll jekk il-mod kif ġie implimentat l-appoġġ kienx jirrifletti l-iskala tal-LTU fl-Istati Membri.

### L-appoġġ tal-FSE laħaq lill-persuni qiegħda fit-tul permezz ta' tipi differenti ta' intervent

**36** L-azzjonijiet appoġġati mill-FSE huma mistennija li jkunu komplementari għall-appoġġ disponibbli għal persuni qiegħda fit-tul fi Stat Membru kwalunkwe. Sa tmiem l-2020, madwar 96 % tal-appoġġ tal-FSE li sar disponibbli għall-persuni qiegħda fit-tul permezz ta' miżuri fl-ambitu tal-prijorità ta' investiment 8i kien ġie impenjat, u 58 % kienu diġà ġew iddikjarati lill-Kummissjoni (ara l-***Anness III***).

**37** Skont id-*data* tal-Kummissjoni, disponibbli meta sar l-awditu, il-finanzjament mill-FSE laħaq madwar 1.6 miljun persuna qiegħda fit-tul, jiġifieri 36 % tal-4.4 miljun parteċipant koperti mill-prijorità ta' investiment 8i. F'erba' Stati Membri (Spanja, l-Italja, il-Polonja u s-Slovakkja), l-appoġġ tal-FSE laħaq aktar minn 100 000 persuna qiegħda fit-tul (ara t-***Tabella 1***). Għamel dan permezz ta' varjetà ta' tipi ta' interventi għal "aċċess għall-impjiegi", bħall-gwida u l-appoġġ (20 %), l-inċentivi finanzjarji (17 %), l-edukazzjoni u t-taħriġ (8 %), u sehem konsiderevoli ta' interventi li jikkombinaw diversi tipi (30 %)[27].

**38** Fl-erba' Stati Membri li għażilna, sibna li t-tipi ewlenin kollha ta' intervent mill-FSE ntużaw, għalkemm fi gradi differenti. Il-PO Taljan iffoka l-aktar fuq inċentivi finanzjarji għar-reklutaġġ, filwaqt li dak tal-Irlanda ffoka fuq it-taħriġ. Il-Polonja normalment offriet pakketti ta' azzjonijiet kombinati, li kienu jinkludu prinċipalment taħriġ u

[27] Il-Kummissjoni Ewropea, "Study for the Evaluation of ESF support to Employment and Labour Mobility", Ġunju 2020, p. 26.

internships. Fis-Slovakkja, l-inċentivi ta’ reklutaġġ u l-ħolqien dirett tal-impjiegi kienu aktar komuni (ara l-*Kaxxa 4*).

### Kaxxa 4

### Eżempji ta’ azzjonijiet magħżula għal rieżami

Fl-**Italja**, għażilna waħda mill-erba’ azzjonijiet ta’ inċentiv għall-impjiegi (“Incentivo Occupazione Sud”) għal rieżami. Dan l-inċentiv kien jikkonsisti f’kontribuzzjonijiet imħallsa lil min iħaddem biex ikopru l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għall-impjegati. Ma kienx immirat speċifikament lejn il-persuni qiegħda fit-tul, u appoġġa wkoll il-konverżjoni ta’ kuntratti temporanji f’kuntratti permanenti.

Fl-**Irlanda**, l-azzjoni magħżula (“ETB Training for the Unemployed”) tipprovdi firxa ta’ korsijiet ta’ taħriġ vokazzjonali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta’ persuni qiegħda jew persuni oħra li qed ifittxu impjieg. Il-benefiċjarju jimplimenta l-operazzjoni madwar l-Irlanda permezz tas-16-il Ċentru tal-ETB lokali tiegħu. L-azzjoni tipprovdi taħriġ u traineeships permezz ta’ tliet programmi ewlenin, “Bridging”, “Traineeship” u “Taħriġ Speċifiku għall-Ħiliet”. Xi korsijiet jikkonċentraw fuq il-ħiliet bażiċi ġenerali, filwaqt li oħrajn jipprovdu ħiliet speċifiċi għal okkupazzjoni jew sett ta’ kompiti partikolari, bħall-applikazzjonijiet tal-kompjuter u l-iżvilupp ta’ software, is-servizzi finanzjarji, l-indukrar, is-sewqan, l-operat tal-magni, l-elettronika, u l-bejgħ bl-imnut.

Fil-**Polonja**, waħda miż-żewġ azzjonijiet magħżula kienet miftuħa għall-kumpaniji privati. Din kienet immirata kemm lejn il-persuni qiegħda kif ukoll lejn dawk inattivi, b’enfasi partikolari fuq il-gruppi żvantaġġati, inklużi l-persuni qiegħda fit-tul. L-appoġġ kien jinkludi pjanijiet ta’ azzjoni individwali u konsulenza dwar l-impjiegi, flimkien ma’ taħriġ jew azzjonijiet biex tinkiseb esperjenza professjonali (eż. internships u impjiegi sussidjati).

Fis-**Slovakkja**, waħda mill-azzjonijiet magħżula kienet tikkonsisti f’firxa wiesgħa ta’ miżuri, li jkopru inċentivi ta’ reklutaġġ, taħriġ, u tipi oħra ta’ appoġġ bħall-ħolqien temporanju dirett ta’ impjiegi minn muniċipalitajiet żgħar għall-provvista ta’ servizzi (eż. tindif tat-toroq).

## Ħafna interventi tal-FSE ffukaw fuq il-qgħad b’mod ġenerali, iżda mhux speċifikament fuq il-persuni qiegħda fit-tul

**39** Qabel ma ġew adottati l-programmi tal-FSE għall-perjodu 2014-2020, 11.4-il miljun individwu ġew ikkunsidrati bħala qiegħda fit-tul, jiġifieri 5.5 % tal-popolazzjoni attiva jew 48.3 % tal-qgħad totali (fl-2013) (ara l-*Anness I*).

**40** Il-Kummissjoni analizzat il-kwistjoni tal-LTU meta kienet qed tħejji d-dokumenti tagħha dwar il-pożizzjoni tal-pajjiżi li pprećedew il-Ftehimiet ta' Sħubija u l-PO tal-2014-2020, u ggwidat id-diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar il-prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet. 19 minn 27 dokument ta' pożizzjoni għall-UE-27 enfasizzaw l-LTU bħala problema speċifika. Fi 17 minn dawn id-19-il dokument, il-Kummissjoni inkludiet lill-persuni qiegħda fit-tul bħala prijorità ta' finanzjament, u, fi tliet każijiet, ikkwotat l-LTU bħala kwistjoni taħt "sfidi ewlenin".

**41** Sadanittant, il-leġiżlazzjoni tal-FSIE tal-2014-2020[28] ma pprevedietx prijorità ta' investiment speċifika għal-LTU. Il-FSE appoġġa lill-persuni qiegħda fit-tul, iżda bħala parti minn objettivi aktar wiesa', u b'hekk kien diffiċli li jiġi ddeterminat kemm ġie allokat finanzjament mill-UE għal miżuri relatati mal-LTU.

**42** B'kollox, 145 minn 178 (jew 81 %) tal-PO tal-FSE tal-2014-2020 (esklużi l-programmi tar-Renju Unit u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ) allokaw finanzjament għall-objettiv tematiku 8 dwar l-impjiegi[29]. Madankollu, madwar terz biss tal-PO kollha tal-FSE f'14-il Stat Membru[30] jirreferu speċifikament għall-appoġġ għall-persuni qiegħda fit-tul[31]. Aħna sibna wkoll li dan ma kienx il-każ għal ħames Stati Membri (il-Bulgarija, il-Latvja, Malta, l-Ungerija u Ċipru), fejn il-livell tal-LTU kien ogħla mill-medja tal-UE meta l-PO kienu qed jiġu nnegozjati fl-2013.

**43** Studju tal-2019[32] dwar is-sostenibbiltà u l-effettività tar-riżultati għall-parteċipanti tal-FSE sab li 101 intervent iffokaw l-appoġġ fuq il-persuni qiegħda fit-tul. Fl-istess ħin, 158 intervent ieħor setgħu involvew lill-persuni qiegħda fit-tul, għalkemm

---

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni u r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew.

[29] Abbażi tad-*data* tal-Kummissjoni.

[30] Il-Belġju, il-Kroazja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u Spanja.

[31] Il-Kummissjoni Ewropea, "Thematic note on the ESF and YEI support to long-term unemployed (LTU) and the implementation of Council Recommendation on integration of LTU into the labour market", Jannar 2019.

[32] Il-Kummissjoni Ewropea, Ismeri, IES u Ecorys,: "Pilot and feasibility study on the sustainability and effectiveness of results for European Social Fund participants using Counterfactual impact evaluations", Lulju 2019.

mhux speċifikament (dawn iffokaw fuq il-qgħad b'mod ġenerali u potenzjalment inkludew biss il-persuni qiegħda fit-tul).

**44** L-analiżi tagħna tal-azzjonijiet elenkati fl-ambitu tal-prijorità ta' investiment 8i għall-erba' PO magħżula kkonfermat li għalkemm kien hemm każijiet fejn il-persuni qiegħda fit-tul kienu l-uniku grupp fil-mira tal-interventi, il-persuni qiegħda fit-tul normalment kienu fil-mira biss bħala sottogrupp, jew tal-persuni qiegħda kollha u/jew tal-"gruppi żvantaġġati" fil-PO.

## Xi wħud mill-miżuri tal-FSE li eżaminajna kienu jinvolvu riskju ta' effetti ta' "skrematura"

**45** Jekk l-azzjonijiet tas-suq tax-xogħol ma jkunux iffokati b'mod speċifiku, dawn jinvolvu r-riskju li tingħata prijorità lill-individwi bi probabbiltà ogħla ta' impjieg għad-detriment ta' dawk li jinsabu l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, bħall-persuni qiegħda fit-tul (l-hekk imsejjaħ effett ta' "skrematura"). Pereżempju, studju wieħed tal-Kummissjoni jiddikjara li approċċ ta' "xogħol l-ewwel" jista' jwassal għal "tentattivi mill-fornituri biex jiffokaw fuq dawk l-aktar probabbli li jiksbu eżiti tal-impjiegi"[33]. Studju ieħor tal-Kummissjoni[34] jagħti parir li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg għandhom jagħżlu minn qabel il-parteċipanti sabiex jevitaw l-effett ta' skrematura. Dan ikompli jissottolinja l-ħtieġa li l-interventi tal-FSE jimmiraw il-persuni qiegħda fit-tul sa mill-bidu nett.

**46** L-analiżi tagħna żvelat ukoll ir-riskju ta' effett ta' skrematura f'xi wħud mill-PO tal-FSE li eżaminajna għal dan l-awditjar: fil-Polonja, pereżempju, evalwazzjoni tal-PO li għażilna[35] nnotat li dawk li għandhom bejn 30 u 39 sena kienu rrappreżentati żżejjed fost il-parteċipanti appoġġati, li diġà kienu aktar probabbli li jsibu impjieg minn kategoriji ta' età oħra; fl-Italja, il-kriterji ta' parteċipazzjoni għall-inċentiv ta' reklutaġġ ma naqqsux biżżejjed ir-riskju ta' skrematura, peress li min iħaddem jista' jagħżel kwalunkwe impjegat żagħżugħ, irrispettivament mill-prospetti ta' impjieg tiegħu.

[33] Il-Kummissjoni Ewropea, "The feasibility of developing a methodology for measuring the distance travelled and soft outcomes for long-term unemployed people participating in Active Labour Market Programmes", Rapport finali, Lulju 2019.

[34] Il-Kummissjoni Ewropea, "Thematic note on the ESF and YEI support to long-term unemployed (LTU) and the implementation of Council Recommendation on integration of LTU into the labour market", Jannar 2019.

[35] Il-Voivodship ta' Silesia, "Evaluation of the OPs contribution to achieving the objectives of Priority Axis VII: Regional Labour Market", Lulju 2020.

Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-għadd ta' persuni qiegħda għal żmien qasir jista' jiżdied. Peress li dawn huma aktar faċli biex jintlaħqu mill-persuni qiegħda fit-tul, ir-"riskju ta' skrematura" jista' jiġi aggravat jekk ikun hemm nuqqas ta' miżuri mfassla speċifikament għall-persuni qiegħda fit-tul.

## Il-miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" ffinanzjati mill-FSE ma rriflettewx l-iskala tal-kwistjoni tal-LTU f'diversi Stati Membri

**47** Kif intqal fil-paragrafu ***37***, il-miżuri tal-FSE ta' "aċċess għall-impjiegi" appoġġaw 1.6 miljun persuna qiegħda fit-tul. Madankollu, innutajna li l-persuni qiegħda fit-tul li kienu appoġġati f'diversi Stati Membri kienu sottorappreżentati mill-miżuri tal-FSE ta' "aċċess għall-impjiegi" meta mqabbla mar-rata tal-LTU fl-istess Stati Membri.

**48** Fil-livell tal-UE, il-persuni qiegħda fit-tul jammontaw għal 38 % tal-individwi qiegħda kollha appoġġati fl-ambitu tal-prijorità ta' investiment 8i tal-FSE dwar "aċċess għall-impjiegi". Aħna analizzajna wkoll il-perċentwal tal-persuni qiegħda fit-tul appoġġati mill-FSE, u l-parteċipanti kollha appoġġati mill-FSE għal kull wieħed mill-Istati Membri tal-EU-27, abbażi tad-*data* li tinsab fir-rapporti annwali tagħhom ta' implimentazzjoni tal-2019. Aħna qabbilna din iċ-ċifra mal-medja nazzjonali tal-LTU bħala proporzjon tal-qgħad ġenerali għall-perjodu 2014-2019. Din l-analiżi wriet differenzi għal 15-il Stat Membru: dawn huma partikolarment rilevanti fil-każijiet tar-Rumanija, tal-Portugall, tal-Ungerija, ta' Franza, ta' Malta u tal-Latvja, fejn id-differenza taqbeż l-20 punt perċentwali (ara t-***Tabella 1***).

## Tabella 1 – Għadd ta' parteċipazzjonijiet fil-prijorità ta' investiment 8i skont l-Istat Membru fl-2019

| Stat Membru | Persuni qiegħda appoġġati, inklużi l-LTUs (A) | LTUs appoġġati (B) | LTUs bħala proporzjon tal-persuni qiegħda appoġġati totali (C = B / A) Is-sehem tal-LTU bħala proporzjon tal-qgħad ġenerali (2014-2019) fl-Istat Membru (D) | Differenza f'punti perċentwali (D - C) |
|---|---|---|---|---|
| **AT** | 1 916 | 379 | | **- 9.6** |
| **BE** | 197 535 | 76 682 | | **- 10.2** |
| **BG** | 36 922 | 16 151 | | **- 14.8** |
| **CY** | 2 993 | 1 655 | | **+ 15.5** |
| **CZ** | 161 090 | 62 185 | | **+ 0.5** |
| **DE** | 10 844 | 7 927 | | **+ 31.6** |
| **EE** | 34 864 | 21 501 | | **+ 29.4** |
| **ES** | 671 114 | 192 593 | | **- 17.4** |
| **FI** | 42 533 | 22 623 | | **+ 30.6** |
| **FR** | 350 309 | 73 205 | | **- 22.4** |
| **GR** | 115 876 | 95 451 | | **+ 10.4** |
| **HR** | 9 755 | 3 412 | | **- 13.2** |
| **HU** | 214 558 | 32 532 | | **- 26.5** |
| **IE** | 20 018 | 5 135 | | **- 19.7** |
| **IT** | 1 549 895 | 659 939 | | **- 15.4** |
| **LT** | 84 827 | 32 290 | | **+ 0.4** |
| **LU** | 2 127 | 418 | | **- 9.7** |
| **LV** | 66 827 | 13 721 | | **- 20.6** |
| **MT** | 1 721 | 435 | | **- 20.7** |
| **NL** | 30 696 | 17 571 | | **+ 18.9** |
| **PL** | 381 921 | 173 704 | | **+ 12.8** |
| **PT** | 107 225 | 19 082 | | **- 33.6** |
| **RO** | 88 548 | 1 757 | | **- 41.8** |
| **SE** | 14 478 | 8 913 | | **+ 44.0** |
| **SI** | 24 427 | 17 721 | | **+ 23.6** |
| **SK** | 198 501 | 103 754 | | **- 10.8** |
| **EU-26**[1] | 4 421 520 | 1 660 736 | | **- 8.2** |




[1] UE-26 (Id-DK ma allokatx finanzjament tal-UE għal 8i).

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Kummissjoni (tabella bit-tikketta "une_rt_a", estratta f'Lulju 2021).

**49** Ir-rapport annwali reċenti tagħna dwar il-prestazzjoni indika wkoll nuqqas ta' rappreżentanza ta' parteċipanti qiegħda fit-tul fil-miżuri ta' impjiegi tal-FSE: b'mod partikolari, dan wera li l-akbar parteċipazzjoni fl-operazzjonijiet kollha tal-impjiegi tal-FSE kienet fost individwi attivi fis-suq tax-xogħol jew eqreb tiegħu, filwaqt li dawk li huma aktar maqtugħin mis-suq tax-xogħol kienu diffiċli biex jintlaħqu (persuni qiegħda 40 %, impjegati 26 %, persuni qiegħda fit-tul 22 %, inattivi 12 %)[36].

**50** Għalkemm l-erba' PO magħżula kollha appoġġaw lill-persuni qiegħda fit-tul, sibna li wħud mill-azzjonijiet ippjanati inizjalment immirati speċifikament għalihom jew ma kinux ġew implimentati bl-appoġġ tal-FSE, jew inkella l-enfasi tagħhom kien twessgħet. Dan kien il-każ fl-Irlanda u fl-Italja. Fl-Irlanda, għalkemm il-PO inizjalment kien fih azzjoni mmirata direttament lejn il-persuni qiegħda fit-tul, l-azzjoni fl-aħħar mill-aħħar ġiet irtirata mill-PO u ffinanzjata mill-Istat Membru. Fl-Italja, minkejja li kienu previsti fil-PO, l-inċentivi tal-impjiegi ma kinux immirati speċifikament lejn il-persuni qiegħda fit-tul, peress li kienu miftuħa għal kategoriji oħra ta' persuni qiegħda u inkludew il-konverżjoni ta' kuntratti temporanji f'kuntratti permanenti. Barra minn hekk, il-miżuri ta' taħriġ li kienu ppjanati fil-PO ma twettqux, ħlief bħala parti minn azzjonijiet tas-sistema li ma kinux immirati lejn persuni individwali qiegħda fit-tul.

**51** Fis-Slovakkja, l-azzjonijiet definiti fil-livell tal-PO kienu mmirati wkoll lejn il-persuni qiegħda b'mod ġenerali. Madankollu, erbgħa mis-27 proġett nazzjonali li ġew implimentati fl-ambitu tal-prijorità ta' investiment 8i kienu mmirati esklużivament lejn il-persuni qiegħda fit-tul. Żewġ eżempji huma ppreżentati fil-***Kaxxa 5***.

[36] Rapport tal-2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Status fi tmiem tal-2020, il-paragrafu 3.45.

### Kaxxa 5

### Eżempju ta’ proġetti speċifiċi tal-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul fis-Slovakkja

**Il-proġett “Ħruġ miċ-ċirku tal-qgħad”**

Dan il-proġett kien jikkonsisti f’inċentivi ta’ reklutaġġ għal min iħaddem. L-ispejjeż ippjanati kienu ta’ EUR 42.5 miljun, filwaqt li l-ispejjeż reali kienu ta’ EUR 36.5 miljun. L-analiżi *ex post* tagħna wriet li l-proġett laħaq 7 414-il persuna qiegħda fit-tul bi spiża medja reali ta’ EUR 5 794 għal kull parteċipant. Ir-rata ta’ suċċess evalwata tal-proġett imkejla bħala perċentwal tal-persuni qiegħda fit-tul li jsibu impjieg tliet xhur wara l-parteċipazzjoni kienet ta’ 65 % fl-aħħar sena tiegħu (2018), filwaqt li r-rata ta’ suċċess imkejla fi żmien sitt xhur mill-parteċipazzjoni kienet ta’ 58 %.

**Il-proġett “IBDA MILL-ĠDID – Opportunità għall-persuni qiegħda fit-tul biex jirritornaw fis-suq tax-xogħol”**

Dan il-proġett kien immirat lejn persuni qiegħda fit-tul li kienu ilhom qiegħda għal aktar minn 24 xahar. Il-proġett offra żewġ għażliet: inċentiv finanzjarju għal dawk li sabu impjieg, jew kontribuzzjoni għall-akkwist jew it-tiġdid ta’ drawwiet tax-xogħol. Skont l-analiżi *ex post* tagħna, l-ispejjeż ippjanati kienu ta’ EUR 13.3-ilmiljun, filwaqt li l-ispejjeż reali kienu ta’ EUR 7 miljun. B’riżultat ta’ dan il-proġett, 3 962 persuna qiegħda fit-tul sabu impjieg, u 3 799 persuna kisbu jew ġeddew id-drawwiet tax-xogħol. Ir-rata ta’ suċċess evalwata mkejla bħala perċentwal tal-parteċipanti impjegati fi żmien sitt xhur mill-parteċipazzjoni fil-proġett kienet ta’ 55 %.

## Ir-rabta bejn l-appoġġ tal-FSE għal “aċċess għall-impjiegi” u approċċ individwalizzat mhux dejjem setgħet tiġi stabbilita

**52** Minbarra l-FSE li jimmira l-qgħad fit-tul, irrieżaminajna jekk l-appoġġ tal-FSE għal “aċċess għall-impjiegi” użax approċċ individwalizzat biex jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul (ara l-paragrafi *16*-*20*).

**53** Il-kondizzjonalitajiet *ex ante* kienu għodda fil-perjodu 2014-2020 biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti għal infiq effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-UE. L-Istati Membri vvalutaw huma stess l-issodisfar tagħhom abbażi ta’ kriterji predefiniti, u dan kien jeħtieġ li jiġi vverifikat mill-Kummissjoni fl-istadji tal-ftehim ta’ sħubija u tal-adozzjoni tal-PO. Il-kondizzjonalità *ex ante* 8.1 (“Politiki attivi tas-suq tax-xogħol jiġu mfassla u mwassla fid-dawl tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi”), li kienet marbuta mal-prijorità ta’ investiment 8i, inkludiet kriterju relatat mal-kapaċità tas-

servizzi pubbliċi tal-impjiegi li japplikaw approċċ personalizzat. Barra minn hekk, fl-2015, il-Kummissjoni indikat li "l-limiti fis-servizzi individwalizzati huma l-ewwel xprun ta' disinn ineffettiv ta' attivazzjoni" u "disinn effettiv ta' attivazzjoni jikkombina servizzi individwalizzati għal persuni li qed ifittxu impjieg u għal min iħaddem u offerta ta' ALMP imfassla apposta"[37].

**54** Għall-erba' PO fil-kampjun tagħna, l-Istati Membri u l-Kummissjoni vvalutaw il-kondizzjonalità *ex ante* 8.1 bħala li ġiet issodisfata. Din il-valutazzjoni twettqet biss fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, peress li l-bażi ġuridika ma kinitx tirrikjedi li l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kondizzjonalità komplietx tiġi ssodisfata meta kienu qed jiġu implimentati l-PO[38]. Madankollu, sibna li f'rapporti sussegwenti tal-pajjiżi għal żewġ PO magħżula (l-Irlanda u s-Slovakkja), il-Kummissjoni ddikjarat li l-kapaċitajiet tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi ma kinux biżżejjed biex iwasslu servizzi personalizzati[39].

**55** Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi fl-Irlanda, fl-Italja u fis-Slovakkja setgħu wasslu approċċ individwalizzat għal individwi rreġistrati bħala qiegħda fit-tul. Madankollu, huma ma kkomunikawx din l-informazzjoni lill-korpi li jimplimentaw l-azzjonijiet tal-FSE, u lanqas dawn il-korpi ma talbuhom b'mod speċifiku.

**56** B'kuntrast, fil-Polonja, l-appoġġ individwalizzat irid jintuża għall-azzjonijiet kollha implimentati fl-ambitu tal-PO tal-FSE (ara l-***Kaxxa 6***).

---

[37] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea, "Analytical Supporting Document accompanying the document Proposal for a Council Recommendation", SWD(2015) 176 final.

[38] Ir-rapport Speċjali 24/2021tal-QEA, "Performance-based financing in Cohesion policy: worthy ambitions, but obstacles remained in the 2014-2020 period" (Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni tal-bağit tal-UE fil-politika tal-koeżjoni: ambizzjonijiet kbar, iżda l-ostakoli jibqgħu fil-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020), paragrafu 26.

[39] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea "Country Report Ireland 2015 Including an In-Depth Review on the prevention and correction of macroeconomic imbalances", SWD(2015) 27 final; Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Country Report Slovakia 2018", COM(2018) 120 final; Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Country Report Slovakia 2020", COM(2020) 150 final.

### Kaxxa 6

### Pjan ta' azzjoni individwali obbligatorju fil-Polonja għall-parteċipanti kollha

L-approċċ individwalizzat diġà jinsab fil-Ftehim ta' Sħubija li ppreċeda l-PO. Il-PO tal-FSE Pollakki jipprevedu valutazzjoni obbligatorja tal-ħtiġijiet individwali għal kull parteċipant, u dan jirriżulta fit-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni individwali. L-analiżi tagħna ta' 18-il parteċipant fil-kampjun ikkonfermat li kull wieħed minnhom kien soġġett għal valutazzjoni individwalizzata.

**57** Fl-2016, il-Kunsill ħareġ ir-Rakkomandazzjoni tiegħu li tippromwovi l-użu ta' approċċ individwalizzat biex jgħin lil dawk qiegħda fit-tul jidħlu (jew jerġgħu jidħlu) fis-suq tax-xogħol (ara l-paragrafu ***20***). Aħna sibna li din ir-Rakkomandazzjoni ma wasslitx biex xi wieħed mill-programmi operazzjonali li eżaminajna jiġi mmodifikat jew ikkomplementat minn pjan ta' azzjoni relatat, bl-eċċezzjoni tas-Slovakkja. Studju tal-Kummissjoni tal-2019 saħansitra indika li l-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedjarji mhux dejjem dehru li kienu jafu dwar ir-Rakkomandazzjoni[40].

**58** Il-Kumitat tal-Impjiegi tal-Kunsill (EMCO) jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Qafas ta' Indikaturi. Dan il-monitoraġġ huwa separat mill-FSE. Fir-rigward tal-użu ta' approċċ individwalizzat, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi li jwettqu konsulenza jew tfassil ta' profili individwalizzati minħabba aċċess limitat għas-servizzi u d-disponibbiltà tagħhom.

## Arranġamenti ġodda għall-perjodu 2021-2027 fl-ambitu tal-"FSE+"

**59** Ir-RDK għall-2021-2027[41] jintroduċi għadd ta' passi 'l quddiem, bħal kondizzjonijiet abilitanti bħala suċċessuri għal kondizzjonalitajiet *ex ante*. Għall-objettiv

---

[40] Il-Kummissjoni Ewropea, "Thematic note on the ESF and YEI support to long-term unemployed (LTU) and the implementation of Council Recommendation on integration of LTU into the labour market", Jannar 2019.

[41] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument

speċifiku tal-FSE+ għal "aċċess għall-impjiegi", il-kriterji għall-kondizzjoni abilitanti ta' "Qafas ta' politika strateġika għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol" jinkludu arranġamenti għat-tfassil ta' profili ta' persuni li qed ifittxu impjieg u għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom.

**60** Karatteristika ġdida tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027 hija li l-Istati Membri se jkollhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet abilitanti li jkunu għadhom kif ġew introdotti jiġu ssodisfati u applikati matul il-perjodu tal-programm, u li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar kwalunkwe modifika[42]. Jekk kondizzjoni abilitanti ma tibqax tiġi ssodisfata, il-Kummissjoni ma għandhiex tagħti rimborż tal-ispiża.

**61** Barra minn hekk, matul il-perjodu 2014-2020, ma kien hemm l-ebda rabta bejn il-kontenut tal-kondizzjonalitajiet *ex ante* u l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet magħżula. Dan inbidel għall-2021-2027: l-awtoritajiet maniġerjali issa jridu "jiżguraw li l-operazzjonijiet magħżula li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kondizzjoni abilitanti jkunu konsistenti mal-istrateġiji u d-dokumenti tal-ippjanar korrispondenti stabbiliti biex tiġi ssodisfata dik il-kondizzjoni abilitanti"[43].

## Is-sistema ta' monitoraġġ tal-FSE waħedha ma tippermettix valutazzjoni sħiħa tal-kisbiet tal-miżuri fost il-persuni qiegħda fit-tul

**62** Il-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-PO permezz ta' laqgħat mal-awtoritajiet maniġerjali, kumitati ta' monitoraġġ maħtura, laqgħat annwali ta' rieżami, u rapporti annwali ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-awtoritajiet maniġerjali reġjonali u nazzjonali. Dan jinkludi rapportar dwar *data* finanzjarja, indikaturi u objettivi intermedji. Il-Kummissjoni teżamina r-rapporti, u tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri. Aħna eżaminajna jekk il-qafas ta' monitoraġġ jippermettix li tiġi vvalutata l-effettività tar-riżultati tal-miżuri tal-FSE ta' "aċċess għall-impjiegi" għall-persuni qiegħda fit-tul.

għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi tal-24 ta' Ġunju 2021.

[42] Ir-Regolament (UE) 2021/1060, l-Artikolu 15.

[43] Ir-Regolament (UE) 2021/1060, l-Artikolu 73.2(b).

## Nuqqasijiet fil-qafas ta’ monitoraġġ tal-FSE tal-2014-2020 jillimitaw il-kapaċità tal-Kummissjoni li tikseb stampa sħiħa tar-riżultati

**63** Il-qafas ta’ monitoraġġ għall-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 stabbilixxa indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati biex jiġu inklużi l-kisbiet tal-prijoritajiet ta’ investiment, l-objettivi speċifiċi u l-azzjonijiet previsti mill-PO[44]. Kien hemm żewġ indikaturi tal-output għal-LTU:

— l-indikatur komuni tal-output “CO01 - Persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda fit-tul”, li kopra l-persuni qiegħda b’mod ġenerali u inkluda l-persuni qiegħda fit-tul bħala sottogrupp;

— l-indikatur komuni tal-output “CO02 – persuni qiegħda fit-tul”, li kien relatat direttament mal-qgħad fit-tul. Id-*data* rrapportata fl-ambitu ta’ dan l-indikatur kienet subsett tad-*data* rrapportata għall-indikatur komuni “CO01”.

Il-qafas ta’ monitoraġġ ma ppreveda l-ebda indikatur(i) komuni tar-riżultati speċifiku/speċifiċi għal-LTU.

**64** L-Istati Membri kellhom jirrapportaw kull sena dwar l-indikaturi komuni kollha, iżda ma kinux meħtieġa jistabbilixxu miri għalihom kollha (il-miri għas-CO02 ġew stabbiliti biss għal 27 PO tal-FSE minn 178). L-Istati Membri setgħu jistabbilixxu indikaturi speċifiċi għall-programmi jekk dan kien aktar xieraq biex jiġu inklużi l-kisbiet tal-investimenti maħsuba.

**65** Aħna sibna xi nuqqasijiet fil-qafas ta’ monitoraġġ li jistgħu jipprevjenu lill-Kummissjoni milli tikseb stampa sħiħa tal-effettività tal-interventi tal-FSE fir-rigward tal-appoġġ relatat mal-LTU.

**66** Il-106 PO tal-FSE (esklużi l-programmi tar-Renju Unit) li allokaw finanzjament għall-prijorità ta’ investiment 8i stabbilew total ta’ 357 indikatur distint tal-output u tar-riżultati. Madankollu, kważi kollha kemm huma (328) kienu speċifiċi għall-programmi, u informazzjoni aggregata dwar kemm indikaturi speċifiċi għall-programmi huma relatati mal-LTU mhijiex disponibbli. Għall-PO magħżula, l-indikaturi speċifiċi tar-riżultati tal-programmi relatati mal-persuni qiegħda fit-tul ġew stabbiliti fi tnejn mill-erba’ Stati Membri li eżaminajna (l-Irlanda u l-Italja).

---

[44] Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006, Anness.

**67** Barra minn hekk, mhux l-Istati Membri kollha dejjem jużaw id-definizzjoni tal-LTU (għal skopijiet ta' monitoraġġ tal-FSE) bl-istess mod. Fl-Italja, il-parteċipanti kienu kkunsidrati bħala qiegħda fit-tul jekk jaqilgħu inqas minn madwar EUR 8 000 fis-sena. Fl-Irlanda, dawk li jirċievu "assistenza għal persuni li qed ifittxu impjieg" jistgħu, skont ir-regoli nazzjonali, ikunu kompletament qiegħda jew jaħdmu sa tlett ijiem fil-ġimgħa. Bl-użu ta' definizzjonijiet differenti tal-LTU, il-ħarsa ġenerali li jipprovdi l-indikatur komuni tal-output relatat mal-LTU hija neċessarjament inqas preċiża fir-rigward ta' kemm fil-fatt intlaħqu persuni qiegħda fit-tul mill-FSE fil-livell tal-UE.

**68** Ir-Regolament tal-FSE ma inkludiex indikatur komuni tar-riżultati li jimmira b'mod espliċitu l-persuni qiegħda fit-tul. L-Istati Membri jirrapportaw informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba għall-persuni qiegħda fit-tul lejn il-miri permezz ta' indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-programm dwar l-LTU, jekk tali indikaturi jkunu ġew definiti. Dawn l-indikaturi naturalment ivarjaw bejn il-PO. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw metodi differenti, li jiddefinixxu l-miri jew skont il-proporzjonijiet jew skont l-għadd assolut ta' parteċipanti.

**69** L-istudji tal-Kummissjoni kienu diġà identifikaw diffikultajiet fl-aggregazzjoni tad-*data* b'mod sinifikattiv, u enfasizzaw dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali/tal-PO li kkawżaw problemi fit-tempestività tal-informazzjoni u l-preżentazzjoni xierqa tad-*data*[45]. Pereżempju, l-indikaturi tal-output ġew irrapportati fis-sena meta l-parteċipanti bdew jipparteċipaw f'operazzjoni[46]. Parteċipanti li waqfu qabel minn azzjoni (eż. billi ma kkompletawx it-taħriġ) xorta jkunu jiġu rrapportati fl-indikatur minħabba li l-FSE kellu jġarrab l-ispejjeż. Minħabba li xi azzjonijiet esperjenzaw rati għolja ta' persuni li waqfu qabel (eż. fil-każ tal-PO Pollakk), li joperaw sempliċiment fuq il-bażi tal-għadd ta' parteċipanti ma jiddifferenzjax bejn dawk li waqfu qabel u l-parteċipanti li rnexxew, u jipprovdi stampa impreċiża.

**70** Aħna analizzajna l-indikaturi tal-prijorità ta' investiment 8i għall-erba' PO magħżula. Il-PO Irlandiżi u Taljani użaw kemm indikaturi komuni tal-output kif ukoll indikaturi tar-riżultati speċifiċi. Fil-każ tal-PO Slovakki u Pollakki, sibna li għalkemm il-persuni qiegħda fit-tul kienu fil-mira tal-indikatur komuni tal-output (CO02) u kienu jirrappreżentaw aktar minn nofs il-parteċipanti kollha fl-ambitu tal-prijorità ta' investiment 8i (jiġifieri 70 % fil-PO Slovakk u aktar minn 50 % fil-PO Pollakk), l-ebda

[45] Il-Kummissjoni Ewropea, "Study on the monitoring and evaluation systems of the ESF, Final report", Mejju 2018.

[46] Il-Kummissjoni Ewropea, "Guidance document: Annex D - Practical guidance on data collection and validation', Mejju 2016.

indikatur tar-riżultat speċifiku għall-programmi ma ġie stabbilit biex ikopri l-kisbiet relatati. F'termini assoluti, dan jikkonċerna 172 445 persuna qiegħda fit-tul li jipparteċipaw fis-Slovakkja u 27 395 fil-PO magħżul fil-Polonja.

**71** Fir-rigward tal-perjodu 2021-2027, il-leġiżlazzjoni għadha ma tindirizzax lill-persuni qiegħda fit-tul b'mod speċifiku, jew tinkludi indikatur tar-riżultati komuni relatat mal-LTU. Il-pakkett leġiżlattiv għall-perjodu 2021-2027[47] jinkludi Objettiv Speċifiku "Jittejjeb l-aċċess għall-impjieg u l-miżuri ta' attivazzjoni għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul u gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, u għall-persuni inattivi filwaqt li jiġu promossi l-impjieg indipendenti" fl-ambitu ta' Objettiv ta' Politika usa' "Ewropa aktar soċjali u inklużiva bl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali".

## Ftit li xejn evalwazzjonijiet tal-appoġġ tal-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul

**72** Minbarra l-monitoraġġ regolari tagħha tal-FSE bbażat fuq rapporti annwali ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' twettaq ukoll evalwazzjonijiet speċifiċi biex tivvaluta r-riżultati miksuba bl-appoġġ tal-FSE. Evalwazzjonijiet f'waqthom u komprensivi jagħmluha aktar faċli biex jiġu applikati t-tagħlimiet meħuda għall-bqija tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali jew għal perjodi ta' programmazzjoni futuri, u biex jinxterdu prattiki tajba potenzjali.

**73** Matul il-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni ħarġet żewġ studji li rreferew għal-LTU[48].

**74** L-istudji indikaw li l-awtoritajiet maniġerjali jwettqu ftit li xejn evalwazzjonijiet tal-appoġġ tal-FSE għal-LTU: minn total ta' 205 evalwazzjonijiet ppubblikati fl-2017, 6 biss koprew dan l-appoġġ b'mod speċifiku. Is-sitwazzjoni ma kinitx tjiebet ħafna saż-żmien tal-awditjar: skont il-Kummissjoni, tmien evalwazzjonijiet koprew kwistjonijiet relatati

---

[47] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 u r-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013, tal-24 ta' Ġunju 2021.

[48] Il-Kummissjoni Ewropea, "Thematic note on the ESF and YEI support to LTU and the Council Recommendation on integration of LTU into the labour market" ta' Jannar 2019; u l-Kummissjoni Ewropea, "Study for the evaluation of ESF support to employment and labour mobility" ta' Ġunju 2020.

mal-LTU. Barra minn hekk, iż-żewġ studji kkonfermaw li l-informazzjoni ta' monitoraġġ tal-FSE kienet ta' użu limitat għal skopijiet ta' evalwazzjoni.

**75** Minħabba din is-sitwazzjoni, il-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri tal-FSE ta' "aċċess għall-impjiegi" għall-persuni qiegħda fit-tul tibqa' sfida. Bħalissa mhuwiex possibbli li jiġi aċċertat sa liema punt il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għal bidliet fir-rati tal-LTU, li varjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, inklużi l-benefiċjarji prinċipali tal-FSE (ara l-***Anness I***). Dan juri l-ħtieġa ta' fehim aħjar ta' jekk il-FSE jagħmilx differenza.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**76** Matul il-perjodu 2014-2020, il-miżuri tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex jappoġġaw "aċċess għall-impjiegi" laħqu bosta persuni li ilhom ifittxu impjieg permezz ta' tipi differenti ta' intervent, għalkemm ma kinux immirati speċifikament għalihom. Billi l-prijoritajiet ta' investiment koprew oqsma ta' politika minflok gruppi fil-mira, ma kien hemm l-ebda prijorità ta' investiment iddedikata, u l-persuni qiegħda fit-tul normalment kienu ttrattati bħala parti minn grupp usa' tal-persuni qiegħda kollha. Barra minn hekk, il-miżuri mhux dejjem irriflettew il-livell tal-qgħad fit-tul fl-Istati Membri (ara l-paragrafi *35*-*51*).

**77** L-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FSE ġeneralment ma kinitx marbuta ma' approċċ individwalizzat. Għalkemm is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi setgħu applikaw l-approċċ individwalizzat għal persuni qiegħda fit-tul individwali bħala parti mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol nazzjonali tagħhom, id-dokumenti li fihom l-informazzjoni la ġew ikkomunikati lill-korpi li jimplimentaw l-azzjonijiet tal-FSE, u dawn il-korpi lanqas ma talbu speċifikament li jintbagħtulhom. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill daħlet fis-seħħ wara li inizjalment kienu ġew adottati programmi operattivi, u l-programmi operattivi ġeneralment ma ġewx emendati kif meħtieġ. Għalkemm din ir-rabta ma kinitx prerekwiżit għall-appoġġ tal-FSE, in-nuqqas tagħha jista' jillimita l-valur miżjud tal-interventi appoġġati mill-FSE meta jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul (ara l-paragrafi *52*-*61*).

**78** Aħna identifikajna għadd ta' nuqqasijiet fil-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-FSE 2014-2020 li jistgħu jipprevjenu lill-Kummissjoni milli tikseb stampa sħiħa tal-effettività tal-interventi tal-FSE fir-rigward tal-appoġġ relatat mal-qgħad fit-tul (LTU). B'mod partikolari, ma hemm l-ebda indikatur komuni tar-riżultati relatat mal-LTU, u l-indikatur komuni tal-output relatat mal-LTU mhux dejjem jintuża għall-iffissar tal-miri. Dan jagħmilha diffiċli li jsir monitoraġġ tal-kisbiet tal-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul. Barra minn hekk, hemm ftit evalwazzjonijiet relatati mal-LTU (ara l-paragrafi *62*-*75*).

**79** Il-pandemija tal-COVID-19 jista' jkollha impatt detrimentali fuq l-għadd u s-sitwazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul. F'dan l-isfond, nagħmlu t-tliet rakkomandazzjonijiet li ġejjin, li kollha jirreferu għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 il-ġdid u għandhom l-għan li jtejbu l-ipprogrammar sabiex jgħinu aħjar lill-persuni qiegħda fit-tul tal-UE.

## Rakkomandazzjoni 1 – L-għan tal-appoġġ tal-FSE għal "aċċess għall-impjiegi" għall-persuni qiegħda fit-tul fejn l-LTU jkun għoli

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-Kummissjoni għandha tinsisti li l-Istati Membri jimmiraw speċifikament il-persuni qiegħda fit-tul u l-ħtiġijiet tagħhom permezz tal-FSE+ fejn l-LTU nazzjonali jew reġjonali jkunu għoljin.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Fiż-żmien tal-adozzjoni (jew tal-emenda) tal-programmi tal-FSE+ 2021-2027.**

## Rakkomandazzjoni 2 – Rabta tal-appoġġ tal-FSE għal "aċċess għall-impjiegi" għal approċċ individwalizzat għall-persuni qiegħda fit-tul

Il-Kummissjoni għandha tinsisti li l-Istati Membri japplikaw approċċ individwalizzat għall-persuni kollha qiegħda fit-tul meta jkunu qed jiġu implimentati miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" fl-ambitu tal-FSE+ il-ġdid, billi jqisu l-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom.

***Data* mmirata għall-implimentazzjoni: Fiż-żmien tal-adozzjoni (jew tal-emenda) tal-programmi tal-FSE+ 2021-2027.**

## Rakkomandazzjoni 3 – Evalwazzjoni tar-riżultati miksuba mill-appoġġ tal-FSE għal "aċċess għall-impjiegi" f'termini tal-LTU

Bħala parti mill-evalwazzjoni *ex post* għall-perjodu 2014-2020 u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għall-perjodu 2021-2027 il-ġdid, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività tal-miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" għall-persuni qiegħda fit-tul. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet għandhom iwasslu għal azzjonijiet ta' rispons fi ħdan il-mandat tagħha (bħal li jitqiesu meta jiġu vvalutati l-emendi tal-programmi wara l-2025 meta rilevanti), u għat-tixrid ta' prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali responsabbli għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' "aċċess għall-impjiegi" fl-Istati Membri.

***Data* mmirata għall-implimentazzjoni: Sal-ewwel kwart tal-2025 għall-evalwazzjonijiet *ex post* u ta' nofs it-terminu.**

